31988R3480

10.11.1988 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 305/28

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3480/88
tad-9 ta' Novembru 1988
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1618/91 li jiffissa l-prodotti bażiċi li ma jikkwalifikawx għal ħlas bil-quddiem ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2221/88 (2), u partikolarment Artikoli 16(6) misjuba fih, lid-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq rigward il-prodotti agrikoli,

Wara l-kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 tal-4 ta' Marzu 1980 dwar il-ħlas bil-quddiem ta' ħlasijiet lura tal-esportazzjoni rigward prodotti agrikoli (3), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2026/83 (4),

Billi Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 jgħodd għal prodotti proċessati u għal oġġetti miksuba minn prodotti bażiċi, basta iżda li arranġamenti ta' proċessar lejn l-intern mhumiex esklużi għal prodotti komparabbli;

Billi bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2236/88 tad-19 ta' Lulju 1988 li jissospendi r-regolament (KEE) Nru 866/84 jippreskrivi miżuri speċjali li jikkonċernaw l-esklużjoni ta' prodotti mill-ħalib minn arranġamenti ta' proċessar lejn l-intern u minn ċerti forom tal-maniġġ bl-idejn tas-soltu (5), il-Kunsill awtorizza rikors għal arranġamenti ta' proċessar lejn l-intern sa l-aħħar tas-sena tas-suq 1988/89 għal prodotti msemmija u billi l-ħlas lura għal prodotti bħal dawn jista' jitħallas bil-quddiem kif mistħoqq għall-perjodu indikat;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1618/81 (6), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2880/84 (7), għandu għalhekk jiġi aġġornat u prodotti tal-ħalib għandhom jitħassru mill-lista ta' prodotti bażiċi mhux eliġibbli taħt dawk l-arranġamenti;

Billi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u t-tariffa komuni tad-dwana (8), kif emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3174/88 (9), il-Kunsill daħħal nomenklatura ġdida ta' oġġetti; billi Regolament (KEE) Nru 1618/81 għandu għalhekk jiġi adattat kif xieraq;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-kumitati kollha tat-tmexxija konċernati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1618/84 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Artikolu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-prodotti bażiċi li m'għandhomx jikkwalifikaw taħt l-arranġamenti riferiti f'Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 huma mniżżla f'lista fl-Anness li ġej.

Madankollu, prodotti bażiċi bħal dawn għandhom jiġu esklużi biss meta jkunu maħsuba għall-użu fil-proċessat tal-prodotti msemmija:

(a) f'Anness A mar-Regolament (KEE) Nru 2727/75, barra prodotti koperti minn kodiċi tan-NK 2309 riferit fih;

(b) f'Artikolu 1(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 (1)

(1) Ġu nru l 166, tal-25.6.1976, p.1.".

2. L-Anness jiġi mibdul bl-Anness ma' hawn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(1) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
(2) ĠU L 197, tas-26.7.1988, p.16.
(3) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p.5.
(4) ĠU L 199, tat-22.7.1983, p.12.
(5) ĠU L 197, tas-26.7.1988, p.38.
(6) ĠU L 160, tat-18.6.1981, p.17.
(7) ĠU L 272, tat-13.10.1984, p.15.
(8) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(9) ĠU L 298, tal-31.10.1988, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-9 ta' Novembru 1988.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-president

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
1104	Qmugħ taċ-ċereali maħduma mod ieħor (per eżempju, imfesdqa, irrumblati, perlati, imfella jew miṫuna fi frak oħxon), minbarra ross ta' l-intestatura Nru 1006; raħs taċ-ċereali, sħiħ, irrumblat, imċarqaċ jew miṫun:
1104 30	— Raħs taċ-ċereali, sħiħ, irrumblat, imqarqa 'jew miṫun
1106	Dqiq u dqiq oħxon mill-ħaxix ta' l-ikel tal-legumi niexef ta' l-intestatura Nru 0713, tas-sago jew ta' għeruq jew tuberi ta' l-intestatura Nru 0714; dqiq, dqiq oħxon u trab tal-prodotti f' Kapitolu 8:
1106 20	— Dqiq u dqiq oħxon tas-sago, għeruq jew tuberi ta' l-intestatura Nru 0714:
	— — Oħrajn:
1106 20 91	— — — Għall-fabbrikazzjoni ta' lamti
1106 20 99	— — — Oħrajn:
1109 00 00	Glutina tal-qamħ, sewwa jekk imnixxfa u sewwa jekk le
2302	Nuħħala, ponot u residwi oħra, sewwa jekk fl-għamla ta' gerbub derivati mill-għarbiel, ṫhin jew ħdim ieħor ta' ċereali jew pjanti tal-legumi u sewwa jekk le:
2302 10	— Tal-qamħirrum (*mai*|*e*/*corn*)
2302 20	— Tar-ross
2302 30	— Tal-qamħ
2302 40	— Ta' ċereali oħra
2303	Residwi ta' fabbrikazzjoni tal-lamtu u residwi simili, polpa tal-pitravi, *bagasse* (fdal li jibqa' mill-qasba taz-zokkor wara li tkun ingħasret), u skart ieħor mill-fabrikazzjoni taz-zokkor, *brewing* jew distillazzjoni ta' font taż-żjut u skart, sewwa jekk fl-għamla ta' gerbub u sewwa jekk li:
2303 10	Residwi ta' fabbrikazzjoni tal-lamtu u residwi simili oħra:
	— — Residwi mill-fabbrikazzjoni tal-lamtu mill-qamħ ir-rum (eskluži likuri *steeping* konċentrati), ta' kontenut ta' proteina kalkolata fuq il-prodott niexef:
2303 10 11	— — — Li jaqbżu l-40 % skond l-užin"